**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kawża numru: 382/2008 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**-Omissis-**

**William Briguglio**

**Illum 14 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

-Omissis-

U

William Briguglio ta' 22 sena bin Charles u Maria nee' Tabone mwieled Pieta' nhar il-14.12.1984 u residenti 197/2B Republic Street, Valletta detentur tal-karta ta' l-identita' numru 4185(M);

Akkużat talli fil-21 ta' Jannar 2007 u matul is-6 xhur ta' qabel din id-data u lil William Briguglio talli fil-21 ta' Jannar 2007 u matul is-sena ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer;

(a) Biegħet jew xort'oħra ittrafikkajt ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikoli 8(b) tal-Kaptiolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Kellek fil-pussess tiegħek ir-raża meħuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (A) tal-Kaptiolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li turi li mhux għall-użu esklussiv tiegħek;

(c) U aktar talli ksirt il-kundizzjonijiet imposti fuqek b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fit-29/11/2006.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-15 ta' Marzu 2024;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ġunjiu 2024, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta datata 18 ta' Mejju 2015, id-difiża tablet lill-Qorti biex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi bil-għan li turi li r-rekwiżiti meħtiega ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu huma sodisfatti, kif ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat id-digriet tagħha data 19 ta' Ottubru 2020, li permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u għalhekk irreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' Dr Noel Camilleri, President tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga datata 2 ta' Settembru 2022, li permezz tagħha l-istess Bord informa lill-Qorti illi l-imputat kien temm il-proċess ta' rijabilitazzjoni tiegħu b'suċċess;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għall-każ ta' llum kienu s-segwenti:

Fil-21 ta' Jannar 2007, kienu ġew innutati żewġ persuni fl-akkwati ta' fejn l-*Isplash and Fun*, fosthom l-imputat, f'Baħar iċ-Ċagħaq minn pulizija *off duty* li ħass li kienu suspettużi. Il-Pulizija li rahom kien PC 1213 u sussegwentement marru fuq il-post PC 1086, PS 579, PC 10 u PC 599. Saret tfittxija fil-vettura u sabu ġo fiha pakkett tas-sigaretti Rothmans ħomor li kien ħdejn l-ash tray ta' ġewwa l-vettura u fiha kien hemm żewġ biċċiet strippi imkebba ġo karta foil suspettata resina. Insab ukoll cover ta' l-istereo iswed li ġo fih instabu seba' biċċiet strippi suspettati cannabis li kienu wrapped fil-foil ukoll. Is-sustanza suspettata droga kemm fil-pakkett tas-sigaretti u kemm fil-cover kienu simili. Sussegwentement infetħet inkjesta maġisterjali.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Dr Godwin Sammut, maħtur mill-Maġistrat inkwirenti biex jeżamina C000386475 ossia d-droga esebita mill-Uffiċjal Prosekutur waqt l-investigazzjoni fil-proċess verbal, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokument għall-analizi tiegħu:

Dokument immarkat C000386475 u l-istess espert ikkonkluda hekk rigward dan id-dokument:

*Għaldaqstant minn riżultati miksuba l-Esponent, ix-Xjenzat Godwin Sammut, jista' jikkonkludi:*

(a) *Illi fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 057_07_01 u 057_07_02 u mill-frak ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 057_07_03, nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piż tal-blokki kien ta' 34.28grammi u l-purita' kienet ta' circa 13%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

(b) *Illi minn swabs meħuda mis-sikkina ma nstabetx droga jew xi tip ta' sustanza oħra;*

(c) *Illi fl-estratti meħuda mis-sigarett tal-brim nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

**Ikkunsidrat:**

Illi da parti tagħha, kif ingħad, id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex għal dan il-għan tressaq il-provi biex turi illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu huma sodisfatti. Fil-fatt il-Qort laqgħet it-talba tad-difiża u ikkonvertiet ruħħa f'Qorti tad-Droga permezz ta' digriet data 19 ta' Ottubru 2020.

Illi permezz ta' nota datata 2 ta' Settembru 2022, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga informa lill-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni ta' l-imputat li ntemm b'suċċess.

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari din il-Qorti, fl-ewwel lok, ser tgħaddi sabiex tanalizza l-piż probatorju li hija għandha tagħti l-istqarrija irrillaxata mil-imputat fl-istadju investigattiv u ċioe' fil-*pre-trial*

*stage.* Dan il-Qorti sejra tagħmlu għaliex jirriżulta li d-difiża quddiem din il-Qorti diversament preseduta kienet għamlet it-talba segwenti kif jirriżulta mill-verbal datat 27 ta' April 2023:

*Dr Giglio għall-imputat Brigulgio jirrileva li gialadarba l-istqarrija ttieħdet mingħajr ma l-imputat kien assistit legalment waqt l-istqarrija u lanqas ġie offrut dan id-dritt in vista tal-liġi viġenti dak iż-żmien, din il-Qorti qed tiġi mitluba biex tistkarta l-istess stqarrija u dan għaliex jista' jagħti l-każ li ttieħdet bi ksur tad-drittijiet tiegħu.*

Fid-data ta' l-istqarrija l-imputat kellu 22 sena u skond il-liġi viġenti dak iż-żmien l-imputat ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' l-għażla tiegħu qabel jew waqt l-interrogazzjoni. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jikkopera ħafna mal-pulizija tant li l-prosekuzzjoni tistriħ biss fuq ix-xhieda ta' l-imputat kwantu dak li jirrigwarda ċertament l-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Fil-fatt l-istess imputat jinkrimina lilu nnifsu fl-istess stqarrija.

Il-Qorti se tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et,** - f'dan il-każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, huwa xorta waħda irrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

*"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut ta' l-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom*

*mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."*

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-overall fairness of the proceedings sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u iddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

*"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment 150.*
*When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*
*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found; (f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

Fil-kawża, **Il-Pulizija vs Liam Cauchi** deċiża nhar it-12 t'April 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, qalet is-segwenti:

*"Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-overall fairness of the proceedings straħet ħafna fuq ilfatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, filwaqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab*

*ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.*[1]"

Fil-kawża **il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu[2], fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali** et fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali** et tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

*"Fil-każ tal-lum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu."*

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali mbagħad irreferiet ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fejn ingħad hekk:

[1] Emfażi ta' din il-Qorti
[2] Emfażi ta' din il-Qorti

*"Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eċċezzjoni tal-intimat għaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm ħtieġa li teżamina l-eċċezzjonijiet loħrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bħala tali. Hemm jedd fundamentali għal smiegħ xieraq. Biex jiġi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jiġi eżaminat il-proċess – f'dan il-każ proċess kriminali – fit-totalita` tiegħu u mhux jiġi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari. F'dan il- każ il-proċeduri għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk mhux possibbli f'dan listadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-iter proċesswali sħiħ. Dan ma jfissirx li element proċedurali partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deċiżiv li l-korrettezza tal-proċess ma tkunx tista' tiġi ddeterminata qabel. Imma f'dan il-każ il-Qorti ma tista' ssib l-ebda ċirkostanza bħal din. Ir-rikorrent ġie avżat, skont id- disposizzjonijiet tal-liġi kif kienet dak iż-żmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt. Huwa minnu li waqt l-interrogazzjoni ma kienx assistit minn avukat u ma ġiex infurmat li għandu dritt bħal dan. B'danakollu ġie mwissi li kellu d-dritt li ma jweġibx għad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu. Għalhekk ma jirriżultax – dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smiegħ xieraq. Ma ressaq l-ebda prova li bis-silenzju tiegħu seta' nkrimina ruħu;"*

Fil-każ odjern huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jingħata l-jedd li jottjeni parir legali waqt l-interrogatorju tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante li huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, li a bażi tagħhom huwa ġie akkużat b'reati serji, mertu tal-imputazzjonijiet (a) u (b) li jwasslu għall-piena ta' priġunerija tassattiva. Mhux biss, iżda l-Qorti qed tqis ukoll illi l-istqarrija tal-imputat, kemm il-darba dikjarata ammissibbli, hija l-unika prova determinanti li tista' twassal għas-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar dawn ir-reati. Skartata din l-istqarrija, ma jibqax biżżejjed provi, li jistgħu jwasslu għal sejbien ta' ħtija fl-imputat dwar l-istess reati, fil-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq ċitati, kif ukoll il-Qorti Kriminali fis-sentenzi fuq imsemmija, u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali waqt l-interrogatorju tiegħu, bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

**L-ewwel żewġ imputazzjonijiet**

Permezz tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tal-Cannabis.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi fil-jum in kwistjoni u mill-post fejn instabet il-vettura f'din il-vettura kienu żewġ persuni, persuna oħra u l-imputat, il-pulizija elevaw ammont ta' droga maqsumin, li kienu żewġ strippi imkebba ġo karta foil suspettata resina u cover ta' stereo iswed b'seba' (7) biċċiet strippi susspettati cannabis. Mill-konklużjonijiet milħuqa mill-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi s-sustanza hekk elevata kienet droga Cannabis fil-piż ta' 34.28gramma.

Mill-provi prodotti ma jirriżultax ta' min kienet il-vettura in kwistjoni BMW HAW 943, li jirriżulta biss hu li l-imputat kien qiegħed ġo din il-vettura ipejjep "joint". Effettivament prova dwar x'sustanza kien dan il-"joint" ma dehriliex lill-Qorti, li jirriżulta mill-proċess. Fin-nuqqas ta' provi oħrajn u ladarba skartata l-istqarrija ta' l-imputat għar-raġunijiet hawn fuq indikati l-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni sal-grad rikjest mil-liġi li d-droga elevata u esebita in atti kienet proprju fil-pussess ta' l-imputat odjern.

Għalhekk tenut kont tas-suespost, kif ukoll illi fil-vettura l-imputat ma kienx qiegħed waħdu, il-Qorti ma tistax tikkonkludi fil-grad rikjest mil-liġi illi l-istess imputat kien fil-pussess tad-droga Cannabis li eventwalment ġiet elevata mill-Pulizija. Dan ifisser ukoll, konsegwentement illi l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-imputazzjoni (a), kif lanqas ma jista' jinstab ħati, a bażi tar-riżultanzi proċesswali u la darba skartata l-istqarrija tiegħu, tal-imputazzjoni (b).

**It-tielet imputazzjoni**

Stante li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati, lanqas il-Qorti ma tista allur ssib ħtija fir-rigward din l-imputazzjoni li hija direttament allaċjata dwar il-ħtija o meno ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti mhux qed issib lill-imputat William Briguglio ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.**

**Kwantu għad-distruzzjoni tad-droga eżebita fl-atti tal-proċess verbal li jifforma parti minn dan il-proċess u immarkata C000386475, il-Qorti qed tirriżerva li tornda d-distruzzjoni tagħha fi stadju ulterjuri meta l-mertu ta' din il-kawża jiġi totalment eżawrit.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**